



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2011/2194(INI)

9.2.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar ir-rieżami tas-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali u l-istabbiliment tal-prijoritajiet għas-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (2011/2194(INI))

Rapporteur: Cristina Gutiérrez-Cortines

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq l-importanza li l-oġġettivi ambjentali jiġu integrati fil-politiki kollha tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li strateġiji tematiċi wesgħin jirriżultaw f'leġiżlazzjoni robusta b'għanijiet u kalendarji ċari biex jiġi żgurat li s-7 Programm għall-Azzjoni Ambjentali jwitti t-triq biex l-UE tnaqqas bin-nofs l-impatt ekoloġiku tagħha sal-2030;
2. Ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex, fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-VIA u d-Direttiva 2001/42/KE, tapplika b'mod strett il-kriterji għall-protezzjoni tal-pajsaġġi u tal-ambjent naturali fl-għażla tas-siti għall-enerġija u siti industrijali u faċilitajiet oħra; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha toħloq indikaturi biex tivvaluta l-impatt potenzjalment negattiv tagħhom u tagħti attenzjoni sħiħa lill-artikoli fit-TFUE li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-wirt kulturali u naturali;
3. Jisħaq li s-7 EAP għandu jipprevedi miri konkreti u li jistgħu jitkejlu, kif ukoll kalendarji dettaljati u mekkaniżmi għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni fil-forma ta' indikaturi u tabelli ta' valutazzjoni, li jiggarantixxu t-twertiq tal-oġġettivi tiegħu fil-livell kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri;
4. Iqis li l-UE se jkollha bżonn toffri aktar sostenn għall-attivitajiet ta' riċerka, innovazzjoni u ta' żvilupp sabiex tiżgura li fuq medda ta' żmien medja jkun hemm żieda fid-disponibbiltà u l-prestazzjoni tat-teknoloġija li hija meħtieġa għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, żieda fl-effiċjenza tal-enerġija, u biex tinżamm il-kompetittività fl-UE;
5. Jemmen li l-Pjan Direzzjonali lejn Ewropa li tkun Effiċjenti fir-Riżorsi għandu jirriżulta f'azzjonijiet konkreti fis-7 programm ta' azzjoni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, fil-Programm ta' Qafas ta' Riċerka li jmiss, programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' materjali u riżorsi ġodda li fil-futur jistgħu jieħdu post il-materja prima eżistenti li l-provvista tagħhom hija insuffiċjenti;
7. Jenfasizza l-bżonn ta' investiment fir-riċiklaġġ tal-materja prima u ta' elementi terrestri rari, peress li l-attività tal-minjieri, ir-raffineriji u r-riċiklaġġ ta' elementi rari jista' jkollhom konsegwenzi koroh fuq l-ambjent jekk ma jkunux immaniġjati sewwa;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l- 'ekonomija ħadra' madwar id-dinja , filwaqt li jintegraw l-aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi bħat-tnaqqis tal-faqar;
9. Jitlob li l-finanzjament ta' Natura 2000 ikun hemm provvediment għalih fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) 2014-2020, u li jiġu stabbiliti metodi ġodda ta' ġestjoni li jippermettu l-ilħuq ta' ftehimiet mas-sidien u s-settur privat u li jinstab użu kompatibbli u li jagħti l-frott fir-rigward taż-żamma tal-ħabitat u l-bijodiversità, u jappella biex jiżiedu

l-isforzi biex il-politika tal-bijodiversità tkun integrata f'oqsma politiċi oħrajn;

10. Iqis li għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa, fid-Direttiva dwar il-Habitats u fin-Network tan-Natura 2000, tal-kwalitajiet estetiċi u viżwali fil-pajsaġġ għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dawn il-programmi;
11. Jenfasizza l-importanza li jintwera liċ-ċittadini tal-UE, speċjalment fil-kuntest tas-sitwazzjoni ekonomika attwali, li l-protezzjoni tal-ambjent mhix kontradittorja fir-rigward tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli; huwa favur, għal dan il-għan, li jiġu promossi proġetti ta' suċċess u t-tixrid ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar il-fattibbiltà ta' żvilupp ekonomiku li jirrispetta l-ambjent f'żoni ta' wirt naturali u kulturali importanti bħan-network Natura 2000;
12. Jemmen li jeħtieġ li jinstabu formoli ġodda għar-regolamentazzjoni tal-ħamrija b'konformità mal-kriterji tal-Istati Membri, li jitfasslu miżuri biex jiġu evitati d-diżastri u għall-prevenzjoni tal-għargħar u jinħoloq suq intern trasparenti u ċar fir-rigward tat-tniġġis tal-ħamrija;
13. Huwa tal-fehma li l-oġettivi tal-Pjan Direzzjonali 2050 jistgħu jinkisbu biss jekk jiġu implimentati strateġiji komplementari, fosthom il-valutazzjoni tal-agrikoltura, ir-riforestazzjoni u l-introduzzjoni ta' inċentivi ta' politika għall-innovazzjoni u l-implimentazzjoni rapida tal-enerġija solari, ġeotermali u dik tal-baħar;
14. Huwa tal-fehma li l-programm LIFE+ għandu jkun immaniġġjat mill-Kummissjoni, b'enfasi fuq proġetti internazzjonali ta' innovazzjoni u eċċellenza, il-promozzjoni ta' SMEs u istituzzjonijiet ta' riċerka u żvilupp u l-prijoritizzazzjoni taż-żamma ta' bijodiversità b'approċċ sistematiku u integrali, u teknoloġiji agrikoli kompatibbli mal-preservazzjoni tal-ħamrija u tal-katina tal-ikel tal-ekosistemi tal-annimali; jemmen li l-Programm LIFE+ tal-UE għandu jkun promoss b'mod aktar wiesa' fir-reġjuni kollha tal-Ewropa sabiex jiġu mħeġġa prattiki innovattivi fil-livell lokali, u sabiex l-impatt u s-sensibilizzazzjoni tat-taqsima li tirrigwarda l-politika u l-ġestjoni ambjentali ta' dan il-programm jissaħħu;
15. Jenfasizza li oqsma b'saħħithom ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni Ewropej huma prerekwiżit għall-protezzjoni tal-ambjent, waqt li fl-istess ħin, jintlaħaq żvilupp soċjali u ekonomiku fl-Unjoni Ewropea;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fir-rieżami tagħha tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art u l-programm "Blue Print", iżżomm approċċ xjentifiku u sistemiku, filwaqt li tqis iċ-ċikli tal-ilma, ir-relazzjoni bejn l-ilma u l-art, il-għlieda kontra d-deżertifikazzjoni u l-ħtieġa ta' trasparenza u effiċjenza fil-ġestjoni tal-ilma;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni iżjed dettaljata tar-riżultati tal-pjan ta' azzjoni u tal-ostakoli reali fir-rigward tal-implimentazzjoni korretta u sħiħa tal-oġettivi tiegħu;
18. Huwa tal-fehma li, fl-evalwazzjoni ta' miżuri biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom iqisu kif xieraq ir-rwol tal-ħaxix tal-lawns fil-qbid tas-CO₂;

19. Jemmen li s-7 programm ta' azzjoni għandu wkoll jiffoka fuq l-emmissjonijiet marittimi u l-emmissjonijiet li mhumiex CO₂;
20. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali għall-oġġettivi u għall-azzjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent uman fiż-żoni urbani, b'fokus speċifiku fuq l-istorbju u l-kwalità tal-arja;
21. Bil-għan li jiġu implimentati strateġiji li jnaqqsu t-tniġġis fil-bliet, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-possibilità li jinħoloq qafas ta' appoġġ Ewropew għall-implimentazzjoni progressiva ta' pjanijiet ta' mobilità urbana fil-bliet Ewropej, li jistabbilixxi proċeduri u mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju fuq livell Ewropew għall-preparazzjoni ta' rapporti ta' awditu għall-mobilità urbana kif ukoll pjanijiet għall-mobilità urbana, u li jistabbilixxu Tabella ta' Mobilità Urbana Ewropea;
22. Iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom biex joħolqu strateġiji integrati ħalli f'kull żona ġeografika jsiru magħrufa l-valuri naturali u l-karatteristiċi tal-wirt naturali tagħha, kif ukoll x'jeħtieġ li jsir biex dawn jiġu ppreservati, waqt li titqies l-ekosistema speċifika meħtieġa għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ispeċijiet individwali, inklużi l-agrikultura, l-ilma u kundizzjonijiet minimi oħra meħtieġa;
23. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji għall-valutazzjoni tal-impatt tal-impjanti għad-desalinizzazzjoni tal-ilma li jinkludu l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom u l-effett distruttiv tagħhom fuq qiegħ il-baħar u l-bijodiversità;
24. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tinkludi kriterji ta' kwalità u rekwiżiti ta' traċċabilità li jorbtu fil-ftehimiet dwar ikel u agrikultura ma' pajjiżi terzi;
25. Jebfasizza li s-7 EAP għandu jkun iżjed ambizzjuż, biex b'hekk iwitti t-triq għal leġislazzjoni vinkolanti ħalli jiġu stabbiliti oġġettivi ċari b'kalendarji u indikaturi preċiżi biex jitkejjel il-progress, inkluża data speċifika għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-programm;
26. Jikkonkludi li l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali f'oqsma ta' politika rilevanti oħrajn, bħal per eżempju l-enerġija, l-agrikultura, is-sajd, it-trasport, ir-riċerka, il-politika ta' koeżjoni u l-iżvilupp reġjonali, għandha tkun il-priorità prinċipali tas-7 programm ta' azzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.2.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Vicky Ford, Norbert Glante, Robert Goebbels, András Gyürk, Jacky Hélin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Rolandas Paksas, Vittorio Prodi, Herbert Reul, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, António Fernando Correia De Campos, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Seán Kelly, Bernd Lange, Werner Langen, Marian-Jean Marinescu, Zofija Mazej Kukovič, Morten Messerschmidt, Vladko Todorov Panayotov, Mario Pirillo, Silvia-Adriana Țicău
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Michael Theurer